

*Ġużè Damato fassal il-pjanta tal-knisja; f'dan ir-ritratt għadha biss pedamenti.*

# RAĦAL ĠDID

Is-sena 1910 kienet okkażjoni ta' ferħ għall-poplu ta' Raħal Ġdid. Fit-12 ta' Lulju ta' dik is-sena *Casal Paola* nqata' minn ma' Ħal Tarxien u sar parroċċa għalih. B'hekk l-abitanti ta' dan ir-raħal, jew aħjar il-Pawlisti, ma ħtiġilhomx aktar imorru l-knisja ta' Ħal Tarxien biex jiżżewġu, igħammdu 'l uliedhom jew jirċievu s-sagramenti l-oħra. Dan setgħu jagħmluh fil-knisja tagħhom ta' Santa Ubaldeska.

Il-knisja ewlenija f'Raħal Ġdid, jew *Casal Nuovo*, dak iż-żmien kienet dik ta' Santa Ubaldeska, li bdiet tinbena erba' snin wara li l-Gran Mastru Fra Antoine de Paule ta bidu għat-twaqqif ta' dan ir-raħal fl-inħawi magħrufa bħala "Ta' l-Egħrien" fl-20 ta' Lulju 1626. Iżda ġara li minħabba l-arja ħażina fl-inħawi tal-Marsa, in-nies ma marritx tgħammar fih. Kien kollu ta' xejn li ngħataw offerti vantaġġjużi lil min imur igħix fih (saħansitra ma jistgħux jiġu mfittxa għad-dejn), għax il-bniedem ma jibdel saħħtu ma' xejn. Fil-fatt, il-knisja ta' Santa Ubaldeska, mibnija fuq disinn ta' Victor Cassar, kellha bħal wesgħa jew pjazzetta quddiemha biex tkun tista' titkabbar meta l-popolazzjoni tżdied. Fl-1900 intuża ftit minn dan l-ispazju meta tkabbret il-knisja.

Iżda kellhom igħaddu bosta snin qabel ma Raħal Ġdid seta' jieħu r-ruħ bl-għadd tan-nies li marret tgħix fih. Nistgħu ngħidu li dak li ma rnexxilhomx jagħmlu l-Gran Mastru de Paule u l-kapijiet ta' l-Ordni ta' San Ġwann li ġew urajh, għamluh l-Ingliżi bil-ħdima sfiqa tagħhom 'il ġewwa mill-Port. Dan seħħ permezz tal-bini tal-baċiri fit-tarzna u l-proġett ta' Porto Nuovo fil-Marsa. Bit-tlitt lbliet jiġifieri Bormla, l-Isla u l-Birgu, imfawra

bin-nies, ħafna sabu kenn f'dan is-subborg modern.

Iż-żieda fenominali fil-popolazzjoni f'dan ir-raħal qanqlet il-ħtieġa ta' knisja akbar minn dik ta' Santa Ubaldeska. Għalhekk ingħata bidu għall-bini ta' knisja parrokkjali ġdida fuq pjanta tal-Kav. Ġużè Damato. Fl-1923 thejja l-pedament u fl-24 ta' Frar tas-sena ta' wara tqiegħdet u tbierket l-ewwel ġebla tal-knisja mid-Delegat ta' l-Arċisqof Dom Mauro Caruana. Erba' snin wara saret l-ewwel quddiesa fiha għalkemm fi stat bikri tal-bini tagħha. Iżda f'Ħadd il-Palm ta' l-1936 bdiet tintuża għas-smigħ regolari tal-quddies mill-parruċċani flok dik ta' Santa Ubaldeska. Ix-xogħol fuq il-knisja tista' tgħid tlesta fl-1959 bit-tqegħid tas-salib fuq il-koppla.

Fil-bini tal-knisja parrokkjali ta' Raħal Ġdid Ġużè Damato, li studja l-arkitettura fit-Tuneżija fejn twieled, għamel użu mill-ferro-konkrit flimkien mal-ġebla Maltija. Dan l-użu fil-bini ta' dil-knisja u oħrajn fuq pjanti tiegħu, ta sura unika lil dan il-maqdes. Il-knisja maestuża ta' Raħal Ġdid hi mibnija fuq l-ordni joniku.

Meta Raħal Ġdid sar parroċċa 75 sena ilu, il-festa titulari ma kinitx dik tal-lum iżda tal-Qalb Imqaddsa ta' Ġesù. Kien biss mill-1945 'il hawn, meta l-knisja parrokkjali ġiet dedikata lil Kristu Sultan li l-Pawlisti bdew jiċċelebraw il-festa ta' Kristu Re.

*Kartolina li tqassmet fl-1923 b'ritratti tad-disinji tal-ġenb u l-faċċata tal-knisja u stampa ta' Kristu Re, it-titular.*




# IL-KUMITAT TAL-BANDA G.M. FRA ANT. DE PAULE JAWGURAW IL-FESTA T-TAJBA LIL KULĦADD